**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Settembru 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Kurt Farrugia)**

**vs**

**Endrick Azzopardi**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Endrick Azzopardi ta' tnejn u erbgħin (42) sena, bin John u Carmen xebba Aquilina, imwieled f'Tal-Pieta', Malta nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u tnejn u tmenin (1982), residenti ġewwa 37, Triq San Lazzru, Bormla u jirrisjedi anke ġewwa Blk G, Ent C, Flt 1, Triq il-Qalb ta' Ġesu, Birgu u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0402282M

Akkuzat talli nhar is-sebgħa (7) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u nofsinhar (12:00hrs) waqt li kien f'Triq Kottonera, il-Birgu u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' portmoni bi flus kontanti fih, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u liema valur jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Raffaela Mifsud u Joseph Mifsud u/jew xi persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra;

2. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, data, lok u ħin wettaq reat taħt it-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb liema reat twettaq fuq persuna anzjana u ċioe fuq il-persuna ta' Raffaela Mifsud u/jew xi persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda mhux iżjed minn tlett elef euro (€3,000);

Akkuzat ukoll talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-siegħa ta' waranofsinhar (13:00hrs) waqt li kien fl-inħawi tal-Klabb tar-Regatta tal-Kalkara ġewwa Triq Marina, il-Kalkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż iPhone 15 tal-lewn roża, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u liema valur jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Diane Bonnici u/jew xi persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Raffaela Mifsud, Joseph Mifsud u Diane Bonnici u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u 257D(2) tal-Kapitolu 9

tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' ghaxar (10) snin u nofs prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

9. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk huwa ma heliex ir-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

10. Jirrizulta wkoll li qabel inbdew dawn il-proceduri, l-imputat kien irritorna lid-derubata Dianne Bonnici l-oggetti kollha misruqa, hlief ghall-ammont ta' cirka ghaxar Euro (€10.00) u pakkett tas-sigaretti, li jiffurmaw il-mertu tat-tielet imputazzjoni. Huwa kien ukoll irritorna lid-derubata Raffaela Mifsud l-ammont ta' tletin Euro (€30.00), parti minn ammont akbar misruq ta' tlett mitt Euro (€300), u li jifforma l-mertu tal-ewwel imputazzjoni.

11. Ghalkemm il-fedina penali tal-imputat mhix wahda netta, lanqas hija wahda allarmanti u fil-fatt ma hux recidiv.

12. Pero jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' sustanzi illeciti, li jehtieg li tigi indirizzata.

**Konkluzjoni**

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 261(f), 279(a), 257D(1)(b), 261(f), 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

(2) In oltre, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas:

(i) l-ammont ta' mitejn u sebghin Euro (€270.00) lil Raffaela Mifsud u Joseph Mifsud, rapprezentanti l-ammont minnu misruq u mhux rifuz lil dawn il-vittimi, u

(ii) l-ammont ta’ ghaxar Euro (€10.00) lil Diane Bonnici, rapprezentanti l-ammont minnu misruq u mhux rifuz lil din il-vittma.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

14. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car li jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista’ jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

15. Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta’ Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**